# Beati u Qaddisin...Novembru

## SAN STIEFNU TEODORO CUENOT

## 14 TA' NOVEMBRU

Il-genituri ta' Stiefnu kienu bdiewa. Ghammduh fil-kamra fejn kienu jzommu t-tiben. Kien zaghzugh jipprometti ghall-istudji u meta l-genituri tieghu ma setghux ikomplu jzommuh aktar fl-iskola, il-villagg shih kienu jigbru l-flus bejnithom biex izommuh ikompli jistudja.



Ommu ssagrifikat il-libsa tat-tieg taghha biex ghamlitlu libsa halli jkun jista' jipprezenta ruhu ghat-Teologija.

Meta lahaq sacerdot l-ewwel haga li ghamel Don Stiefnu kien li rregalalha libsa gdida.

F'zoghzitu kien ihobb hafna l-arloggi. Kien katekista u ghalliem. Fis-sena 1827 huwa dahal jaghmel parti mill-kongregazzjoni tal-Padri Missjunarji ta' San Vincenz de Paul.

Fis-sena 1835 gie konsagrat isqof u kien il-wens ta' hafna kattolici li gew abbandunati u sottoposti ghall-persekuzzjonijiet tal-buddisti meta kien jaqdi l-missjoni appostolika tieghu fl-Indocina.

Minkejja dan it-tfixkil kollu l-konverzjonijiet kienu joktru bl-eluf kull sena. Ghal kull wiehed li kien jichad il-fidi tieghu, mija kienu jigu mghammda. Il-kleru tal-lokal kien ittriplika filwaqt li l-isqof Stiefnu kien jaqbel ghal l-ilsien tal-post kotba mill-bibbja biex in-nies tkun tista' taqra' u ssegwi l-Kelma ta' Alla.

Waqqaf knejjes u orfanatrofji. Anke lokalitajiet imbieghda minn Laos kienu jisimghu l-Kelma ta' Alla ghax l-isqof Stiefnu haseb ghal dan ukoll.

Fis-sena 1861 l-isqof inqabad prugunier u maghluq f'gagga. Ma giex maqtul mill-ewwel izda bil-mod il-mod gie avvelenat.

L-Ufficjali tal-habs li edifikaw ruhhom bil-fidi tieghu, kienu jiehdu fuqu: " Diga bata' bizzejjed. Is-sema ried li jilqghu u ma jghaddix aktar minn tbatija."

Infatti kien diga' kadavru meta qatghulhu rasu.